MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 2333/1999/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta' Ottubru 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-tlettax (13) t'Ottubru, tal-elf disa' mija u hamsa u disghin (1995), u mill-imsemmi zwieg twieldet tifla jisimha C, fit-tletin (30) ta' Gunju, tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997);

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex izjed possibbili u z-zwieg taghhom tkisser irrimdedjabilment u

dan minhabba mohqrija, sevizzji w ingurja gravi da parti tal-konvenuta, u minhabba differenzi irrikonciljabbli bejniethom, kif ghandu jirrizulta waqt is-smigh tal-kaz;

Illi kemm l-attur u kif ukoll il-konvenuta gew debitament awtorizzati mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili sabiex jipprocedu ghas-separazzjoni personali minn ma’ xulxin, kif jidher mill-kopji tar-relattivi digrieti hawn mehmuza (Dok. “A” u Dok. “B”);

Illi, l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom, ghar-ragunijiet premessi lilha unikament attribwibbli;

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti, billi taqsamha f’zewgt ishma ndaqs b’ kull sehem jigi assenjat lil kull wiehed mill-kontendenti, prevja likwidazzjoni ta’ l-istess assi maghmula, jekk mehtieg, permezz ta’ Perit mahtur mill-Qorti;

3. Tawtorizza lill-attur li jissokta jesercita l-jeddijiet u jwettaq l-obbligi ta’ kura u kustodja tal-imsemmija minuri C, kemm wahdu jew konguntament, skond kif din il-Qorti jidhrilha li jkun fl-ahjar interess ta’ l-istess minuri;

4. Tordna li l-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha, jigifieri Casha, ghall-finijiet ta’ l-**artikolu 62 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-atti tad-digriet numru 1096/99 tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti konsistenti fid-Digrieti Numri 1096/1999 u 1103/1999 tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili fejn *inter alia* dik l-istess Qorti presjeduta mill-Onorevoli

Imhallef Noel Arrigo fis-26 ta' Awissu 1999 iddecretat li l-omm ghandu jkollha l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri b'access favur il-missier kull nhar ta' Erbgha bejn il-5.00.p.m. u s-7.00.p.m. u l-Hadd bejn id-9.00.a.m. u 1.00.p.m. b'dan li l-istess minuri tingieb mid-dar ta' l-omm; il-manteniment kellu jkun Lm10 ghall-attrici u Lm12.50 ghall-minuri.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo fejn b'digriet tad-9 ta' Frar 2000 il-kawza giet appuntata ghat-22 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 22 ta' Mejju 2000, fejn kien ghad jonqos in-notifika tal-partijiet.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, datata 2 ta' Novembru 2000, a fol. 28, fejn eccipiet bir-rispett:-

1. Illi l-ecipjenti taqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-attur u ghalhekk qed tipprocedi permezz tas-segwenti kontro-talba;

2. Illi ghat-tkissir irremedjabbli taz-zwieg huwa responsabbli l-attur li rrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzi, minaccji w ingurji gravi kontra l-eccipjenti kif jirrizulta ahjar waqt is-smigh tal-kawza;

3. Illi hux fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata f' idejn l-attur;

4. Illi salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol. 29 u fol. 30 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenuta** rikonvenjenta datata 2 ta' Novembru 2000 a fol. 29, fejn ippremetiet illi:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-tlettax (13) ta' Ottubru 1995, u minn dan iz-zwieg twieldet tifla C li ghadha minuri;

Illi l-attur irrenda ruhu hati fil-konfront tal-konvenuta ta' ecessi, sevizzji, minaccji w inguri gravi;

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

Illi l-attur gie debitament awtorizzat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili numri 1096/99 u 1103/99 sabiex jipprocedu ghas-separazzjoni personali, kopji ta' liema jinstabu annessi mac-ctiazzjoni markati bhala Dok. "A" u Dok. "B" , u l-konvenuta giet b'effett ta' l-istess digriet u bl-operazzjoni ta' l-**artikolu 37 (3) tal-Kap 16 tal-Kodici Civili** hija wkoll intitolata tipprezenta l-kontro-talba;

Illi l-istess konvenuta rikonvinzjonata talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli lill-attur rikonvenut, fosthom eccessi, sevizzji, minacci w ingurji gravi u wkoll ghaliex z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri C f'idejn il-konvenuta u tistabilixxi dritt ta' acces ghall-attur rikonvenzjonat;

3. Tordna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenuta ghaliha u/jew ghall-imsemmija tifla minuri dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tifissa skond il-bzonnijiet tal-konvenuta u l-mezzi ta' zewgha;

4. Ixxolji u titermina l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet;

5. Prevja n-nomina ta' periti nominadi sabiex jistmaw il-proprjeta' mobbli w immobbli formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, tillikwida l-assi ezistenti fl-istess komunjoni ta' l-akkwisti;

6. Tassenja n-nofs indiviz ta' l-imsemmija assi lill-konvenuta, bin-nomina ta' nutar biex jippubblika l-att

opportun u kuratur biex jirrapreznenta l-kontumacji fuq l-istess att;

7. Tillikwida l-assi parafernali tal-konvenuta u tassenjahom lill-istess konvenuta;

8. Tapplika kontra l-attur rikonvenut s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol. 32 u fol. 33 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghal-kontro-talba tal-konvenuta, datata 14 ta' Novembru 2000 a fol. 36 tal-process fejn ecepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero' ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta;

2. Illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri C ghandha tigi fdata lill-esponent bid-dritt ta' access favur il-konvenuta;

3. Illi l-konvenuta ghandha ntrojtu adegwat ghalhekk l-esponent m' ghandux ihallas manteniment;

4. Illi l-esponent jaqbel mar-raba' u l-hames talba;

5. Illi s-sitt talba hija nulla u ghandha tigi respinta;

6. Illi tmien talba ghandha tigi respinta;

7. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol. 37 tal-process.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 22 ta’ Novembru 2000, fejn il-Qorti nominat lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 23 ta’ April 2001, fejn il-Qorti ssollecitat lill-Assistent Gudizzjarju biex tibda l-inkarigu taghha.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi, fil-5 ta’ Ottubru 2001, fejn ma sar xejn u dehret biss il-konvenuta assistita minn Dr. Ilona Blackman.

Rat l-ordni tal-Qorti diversament presjeduta fejn il-kawza giet differita ghas-6 ta’ Novembru 2001.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 6 ta’ Novembru 2001 fejn dehret biss il-konvenuta mhux assistita u l-Qorti giet informata li kien hemm seduta ghat-22 ta’ Jannar 2001.

Rat l-avviz tal-Qorti diversament presjeduta datat 6 ta’ Marzu 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghat-30 ta’ Mejju 2002.

Rat ir-rikors tal-attur (1) datat 8 ta’ Jannar 2002, a fol. 44, fejn talab bir-rispett biex il-Qorti tavarja d-digrieti moghtija fis-sens illi l-manteniment iffissat ta’ Lm22.50 ma jibqax dovut ghaliex qed jghid li spicca mix-xoghol minhabba *redundancy.*

Rat id-digriet datat 17 ta’ Jannar 2002, fejn il-Qorti diversament presjeduta ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’ erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenuta datata 28 ta’ Jannar 2002, a fol. 46 fejn opponiet ghall-istess talba *stante* li sostniet li ma’ kien hemm ebda prova ta’ dan.

Rat id-digriet datat 7 ta’ Frar 2002, a fol. 47, fejn il-Qorti kif presjeduta ordnat lill-istess rikorrenti sabiex fiz-zmien

erba’ (4) t’ijiem jipprezenta nota b’dokumenti relattivi awtentikati, inkluzi affidavit mill-*employer* tieghu sabiex jindikaw id-data, u r-raguni tat-terminazzjoni allegata tax-xoghol tieghu, b’ kopja lill-kontro-parti li kellha erba’ (4) t’ijiem zmien ghan-nota responsiva.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta datat 30 ta’ Mejju 2002, fejn dehret Dr. Doreen Clarke ghall-attur prezenti u l-konvenuta assistita minn Dr. Ilona Blackman fejn inghata digriet affidavit attrici b’terminu ta’ erbghin (40) jum. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tiffissa zewg seduti fil-mori tal-kawza ghall-provi kollha attrici.
Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fit-18 ta’ Lulju 2002, fejn ma sar xejn.

Rat ir-rikors (2) bl-urgenza ta’ B, datat 25 ta’ Lulju 2002, a fol. 52, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex jew tissospendi l-access lir-ragel ghandu versu l-minuri ta’ hames (5) snin jew alternativament tordna li dan l-access issir taht supervizzjoni tal-Agenzija Appogg u dan salv kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun u fejn saret allegazzjoni li l-istess minuri kienet giet abusata mill-attur.

Rat id-digriet datat 29 ta’ Lulju 2002 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’ erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attur datata 31 ta’ Lulju 2002 minn fol. 56 sa fol. 58 tal-process fejn allega li martu hija affettwata minn mard mentali konsistenti f’ *paranoid psychotic illness* u kienet taht il-kura ta’ Dr. Vella Baldacchino u cahad bl-aktar mod kategoriku li huwa b’xi mod abbuza mill-minuri u rrefera ghar-rapport tas-social worker Stephanie Caruana li kkonkludiet li l-genituri t-tnejn ihobbu lil binthom u l-minuri *“dejjem marret kuntenta biex tara lill missierha u tghid li tiehu pjacir izzur lil missierha u n-nanniet paterni taghha”.* Skond huwa fejn tghix il-minuri hemm il-genituri tal-konvenuta u tlett guvintur, hut l-konvenuta li fosthom skond l-attur John Mary ibati minn mard mentali; issugerixxa li titqabbad *child psychologist* sabiex tezamina l-kaz.

Rat ic-certifikat ta’ Dr. David Cassar datat 16 ta’ Awissu 1995 esebit bhala Dok. “A” a fol. 59 tal-process.

Rat ir-rapport tas-social worker Stephanie Caruana mill-Agenzija Apogg datat 5 ta’ Settembru 2001 wara digriet tal-Qorti diversament presjeduta datat 12 ta’ Gunju 2001 u fih kkonkludiet li minuri li twieldet fit-30 ta’ Gunju 1997 u kkonfermat li l-attur jghix mal-genituri tieghu u l-konvenuta tghix mal-genituri taghha u tlett hutha John Mary, Antoine, u Mario gewwa Haz-Zebbug u l-konkluzzjoni kienet li l-minuri hija kuntenta li tghix ma’ l-omm izda ghandha relazzjoni tajba mal-missier u l-genituri tieghu u rrikonoxxiet ix-xewqa tal-missier li l-access tieghu jizdied.

Rat id-digriet datat 1 ta’ Awissu 2002, fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Anna Marie Mangion sabiex tezamina lill-istess minuri u taghmel sezzjonijiet mal-genituri sabiex tirrelata dwar l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti wara li tiehu konjizzjoni tar-risposta tal-intimat u tipprezenta r-rapport taghha fi zmien tlett gimghat mill-llum a spejjez tar-rikorrenti.

Rat in-nota tas-social worker Therese Micallef ta’ l-Agenzija Appogg a fol. 75 fejn informat lill-Qorti li l-psikologista Dr. Anna Maria Mangion irrinunzjat ghall-kaz ghaliex ma’ kinitx psikologista tat-tfal u dan b’nota relattiva.

Rat id-digriet datat 13 ta’ Awissu 2002, fejn il-Qorti ssostitwit lil Anna Maria Mangion b’ Dr. Pierre Cachia.

Rat in-nota ta’ Pierre Cachia, datata 26 ta’ Awissu 2002, a fol. 81, fejn irrinunzja mill-kaz *stante* li huwa ma kienx psikologista tat-tfal.

Rat id-digriet datat 26 ta’ Awissu 2002, fejn Pierre Cachia gie sostitwit bis-social worker Therese Micallef.

Rat ir-rikors (3) tal-attur datat 27 ta’ Awissu 2002, a fol. 86, fejn talab lil din il-Qorti biex tissolecita lil espert biex tespleta l-inkarigu moghti lilha.

Rat id-digriet datat 27 ta’ Awissu 2002, fejn il-Qorti ordnat in-notifikata tar-rikors bi zmien gimgha ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta’ B, datata 17 ta’ Settembru 2002, a fol. 90.

Rat id-digriet mill-Onorevoli Imhallef Joseph Filletti datat 18 ta’ Settembru 2002, a fol. 92, fejn il-Qorti rrilevat li r-risposta ta’ l-intimata tmur ferm ‘l hinn minn semplici risposta billi tinkludi fiha kontro-talbiet li jezorbitaw minn dak li talab ir-rikorrenti. Il-Qorti notat il-fatt li meta gie ntavolat ir-rikors l-espert kienet Therese Micallef u mhux Anna Marie Mangion. Il-Qorti laqghat it-talba u ssolicat lil Therese Micallef biex tespleta l-inkarigu taghha. Il-Qorti ordnat li l-access tal-minuri jkun taht supervizzjoni ta’ Social Worker nominat mid-Direttur tal-Harsien socjali tat-tfal. Il-Qorti ordnat ukoll li ma kellu jsir l-ebda ostakolu biex jinzammu dawn l-accessi u lanqas ghall-fini ta’ ezamijiet medici fl-isptar.

Rat in-nota ta’ Therese Micallef datata 7 ta’ Ottubru 2002, a fol. 93, fejn Therese Micallef infurmat lil Qorti li l-Psikologista Carmen Sammut kienet giet inkarigata mill-Agenzija Appogg biex tezamina l-minuri skond id-digriet tal-Qorti tat-13 ta’ Awissu 2002.

Rat ir-rikors tal-attur datat 19 ta’ Dicembru 2000, fejn talab lil din il-Qorti biex tvarja *pendente lite* d-digriet moghti mis-Sekond’ Awla fis-26 ta’ Awissu 1999 u dan sa kemm il-Qorti jkollha l-opportunita’ taghmel ezami aktar akkurat tas-sitwazzjoni, il-kura u kustodja tat-tifla minuri C tigi fdata f’ idejn l-esponent b’access favur l-intimata u li l-manteniment jigi varjat konformament.

Rat id-digriet datat 18 ta’ Dicembru 2000 minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenuta datata 29 ta’ Dicembru 2000.

Rat ir-rikors tal-attur (4) datat 15 ta' Jannar 2001, fejn talab lil din il-Qorti biex tahtar social worker sabiex jigi ezaminat il-kaz u jsir rapport relattiv. Talab ukoll sabiex il-Qorti tordna li r-rikors tas-7 ta' Novembru 2000 jinstema b' urgenza.

Rat id-digriet datat 26 ta' Marzu 2001, fejn il-Qorti diversament presjeduta appuntat ir-rikorsi ghas-smiegh ghat-12 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal datat 12 ta' Gunju 2001, fejn l-attur ta ruhu b' notifikat bl-avviz tas-smiegh filwaqt li Dr. Ilona Blackman assocjat ruhha fil-patrocinju tal-konvenuta. Dwar ir-rikors tal-attur tal-15 ta' Jannar 2001 wara li l-konvenuta tat ruhha b' notifikata bl-istess u ma sabitx oggezzjoni ghall-ewwel talba, il-Qorti laqghet l-istess talba w appuntat ghal dan l-iskop lil Stephanie Caruana mill-Agenzija Appogg. Il-mertu tar-rikors tas-7 ta' Nobembru 2000 kien jiddependi mill-ezitu tar-rapport.

Rat il-verbal datat 26 ta' Lulju 2001, l-espert talbet aktar zmien biex tlesti r-rapport taghha.

Rat il-verbal datat 5 ta' Settembru 2001, fejn Stephanie Caruana halfet ir-rapport.

Rat ir-rapport ta' Stephanie Caruana datat 5 ta' Settembru 2001.

Rat il-verbal datat 24 ta' Settembru 2001, fejn Dr. Doreen Clarke infurmat lill-Qorti li xtaqet teskuti lill-espert.

Rat il-verbal datat 22 ta' Novembru 2001, fejn Dr. Doreen Clarke talbet differiment.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 12 ta' April 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D. ghall-10 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbal datat 10 ta' Ottubru 2002, fejn Dr. Ilona Blackman ghall-konvenuta talbet li dan ir-rikors jidhol

jaghmel parti mill-atti tal-kawza. Il-Qorti cahdet it-talba tar-rikors datat 7 ta' Novembru 2000, *stante* li kienet infondata fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-rikors tal-attur (4) datat 17 ta' Ottubru 2002, a fol. 95, fejn l-attur talab bir-rispett li din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi dan ir-rikors b' urgenza (u jekk ikun il-kaz tappuntati ghas-smiegh mill-aktar fis) bl-abbrevjazzjoni ta' kull terminu;

2. Tordna li immedjatament jigi revokat kull digriet precedenti rigwardnati kura u kustodja ta' w access ghall-minuri C;

3. Tafda l-kura u kustodja ta' l-istess minuri f' idejn l-esponenti A;

4. Taghti access adegwat fic-cirkostanzi lill-konvenuta omm liema access jigi ezercitat taht supervizzjoni ta' Social Worker;

5. Tordna li l-manteniment li jhallas l-esponent lill-martu ghat-tifla ma jibqax jithallas.

Rat id-digriet datat 21 ta' Ottubru 2002, fejn il-Qorti ordnat in-notifikat lill-kontro-parti b' jumejn (2) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenuta, datata 28 ta' Ottubru 2002, a fol. 99 fejn hija informat lill-Qorti li l-access b'supervizzjoni beda jigi ezercitat fid-9 ta' Ottubru 2002 fic-Centru Hidma Socjali u dan kull nhar ta' Erbgha mill-5.00.p.m. sas-7.00.p.m. u kull nhar ta' Sibt mis-1.30.p.m. sal-5.30.p.m; il-Qorti giet informata li saret l-ewwel vista mal-*clinical pyschologist* Carmen Sammut fit-28 ta' Ottubru 2002.

Rat id-digriet datat 12 ta' Novembru 2002, fejn il-Qorti *stante* li r-rapport ta' Carmen Sammut ghandu pendenti, ordnat li r-rikorrenti jkollu access ghall-minuri fic-Centru Hidma Socjali taht supervizzjoni kull nhar ta' Erbgha mill-

5.00pm sas-7.00pm u kull nhar ta’ Sibt mis-1.30pm sal-5.00pm.

Rat il-verbal datat 6 ta’ Novembru 2002, fejn il-Qorti ddeplorat il-fatt li d-digriet taghha datat 1 ta’ Awissu 2002 ma bediex jigi esegwit qabel il-bidu ta’ Ottubru 2002 w ordnat komunika tal-verbal lid-Direttur ta’ l-Agenzija Appogg biex jassigura ruhu li dan ma jergax isehh la f’din il-kawza u lanqas f’ kawzi ohra. Il-Qorti ordnat lil l-istess psikjatra biex tipprezenta r-rapport taghha mhux aktar tard mill-10 ta’ Dicembru 2002. Id-difensuri tal-partijiet qabblu li l-proprjeta’ mobbli ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet u jiddikjaraw li b’hekk il-komunjoni tigi xolta, hlief ghal xi mobbli li ghandhom jiftehmu dwarhom. Inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b’ terminu ta’ tletin (30) jum kull wiehed. Il-Qorti ordnat lill-attur biex jinnotifika il-verbal lill-Agenzija Appogg u lil Carmen Sammut. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi kollha li jkun ghad fadal u tali notifiki saru fl-25 ta’ Novembru 2002.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fl-24 ta’ Marzu 2003 fejn ma’ sar xejn.

Rat il-verbal datat 26 ta’ Marzu 2003, fejn is-social worker Anthony Mifsud halef ir-rapport. Id-difensuri tal-partijiet ddikjaraw li kien hemm qbil li d-dar matrimonjali kellha tinbiegh u r-rikavat jinqasam min-nofs hlief ghal xi krediti parafernali li kienet qed tallega fuqhom il-konvenuta. Inghata digriet nota guramentata. Il-Qorti stidnet lill-partijiet sabiex jindikawlha minn huma l-esperti nominati f’din il-kawza u dan permezz ta’ nota konguntiva fi zmien hamest (5) ijiem. Il-Qorti ordnat lill-Psikologista Carmen Sammut tipprezenta r-rapport taghha mhux aktar tard minn hmistax-il (15) gurnata w ordnat in-notifika tal-verbal lil Carmen Sammut a spejjez attrici. Il-Qorti rrevokat l-inkargiu tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi peress li l-istess li ma mxietx mal-ordni ta’ din il-Qorti u nnominat minflokha lil Dr. Vincent Galea biex jiffissa zewg seduti ghall-konkluzzjoni tal-provi attrici u tnejn ohra ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-konvenut fil-mori ta’ dan id-

differiment, b'dan li wara tali seduti, il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa.

Rat ir-rapport tas-Social Worker Anthony Mifsud datat 12 ta' Dicembru 2002 minn fol. 119 sa fol. 128 li fl-istess rapport jinghad li investiga l-kaz wara digriet tal-Qorti datat 18 ta' Settembru 2002 u mahluf fis-26 ta' Marzu 2003 u skond dan ir-rapport jinghad li l-allegazzjoni ta' abbuz kontra l-missier ma gietx ippruvata u l-istess social worker issugerixxa li l-access tal-minuri mal-missier issir b'mod liberu u jitwessa', u li ma jibqax issir taht supervizzjoni.

Rat li din il-Qorti rat id-digriet kollha vigenti u tikkonferma n-nomina ta' l-Agenzija Apogg *tramite* s-*social workers* taghha sabiex jezaminaw il-kaz, u ghalhekk tikkonferma n-nomina wkoll ta' l-istess social worker Anthony Mifsud li jidher li kien qed jahdem taht id-direzzjoni tas-*social worker* Therese Micallef nominata minn din il-Qorti u dan qed jigi kkonfermat anke f'din id-decizjoni stess.

Rat in-nota guramentata tal-attur datata 4 ta' April 2003, a fol. 132 u fol. 133.

Rat in-nota tal-attur **A** datata 21 ta' April 2003, a fol. 135, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu.

Rat in-nota guramentata tal-konvenuta datata 30 ta' April 2003 a fol. 143 fejn issugeriet li l-access ghall-missier isir taht supervizzjoni.

Rat ir-rikors datat 14 ta' Mejju 2003, a fol. 160, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti sabiex tordna l-hrug ta' mandat ta' akkompanjament fil-konfront ta' Dr. Joseph Vella Baldacchino u s-supretendent ta' l-Isptar biex jaghtu x-xhieda taghhom fis-seduta li kienet ser tinzamm quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea fid-29 ta' Mejju 2003.

Rat id-digriet datat 15 ta' Mejju 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat in-nota ta' l-attur, datata 16 ta' Mejju 2003, a fol. 164 fejn irrilevat li n-nomina ta' Dr. Carmen Sammut giet ikkonfermata minn din il-Qorti b'digriet tas-6 ta' Novembru 2002 u li b'digriet tas-27 ta' Marzu 2003 l-istess Dr. Carmen Sammut kellha tirrelata fi zmien 15 il-gurnata.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fit-22 ta' Jannar 2002, fit-12 ta' Gunju 2003 u fil-21 ta' Novembru 2002, fejn fl-ebda wahda ma sar xejn.

Rat in-nota tal-konvenuta **B** datata 2 ta' Gunju 2003, a fol. 172, li permezz **taghha** prezentat l-affidavit taghha datat 3 ta' Mejju 2003 u ta' ommha **Lucy Casha** datat 3 ta' Mejju 2003.

Rat il-verbal datat 4 ta' Gunju 2003, fejn Dr. Doreen Clarke ghall-attur iddikjarat li l-provi ta' l-attur jinsabu maghluqa. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea sabiex jiffissa tlett seduti ghall-konkluzjoni provi tal-konvenuta.

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 10 ta' Ottubru 2003, a fol. 187, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti sabiex tordna lill-espert Carmen Sammut biex tahlef ir-rapport taghha fir-registru.

Rat id-digriet datat 13 ta' Ottubru 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b' erbgha u ghoxrin (24) siegha ghar-risposta.

Rat id-digriet datat 16 ta' Ottubru 2003, fejn il-Qorti cahdet it-talba, b' dan li r-rapport jinhalef fis-seduta li kien imiss u rrevokat *contrario imperio* d-digriet tat-13 ta' Ottubru 2003.

Rat il-verbal datat 23 ta' Ottubru 2003 fejn il-kawza giet differita sabiex jinhalef ir-rapport ta' Dr. Carmen Sammut.

Rat il-verbal datat 29 ta' Ottubru 2003, il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea sabiex jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni provi tal-konvenuta, u wara tali seduti l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa. Il-

Psikologa Carmen Sammut halfet ir-rapportipprezentat minnha fil-25 ta’ April 2003.

Rat ir-rapport tal-Psikologa Carmen Sammut minn fol. 195 sa fol. 213 tal-process.

Rat il-verbal datat 25 ta’ Novembru 2003, fejn Dr. Doreen Clarke ghall-attur irremettit ruhha ghar-rapport tal-Psikologa Carmen Sammut. Dr. Doreen Clarke talbet li jigi degretat ir-rikors li jinsab a fol. 52 tal-process u l-Qorti rriservat li tipprovdi dwar l-istess *in camera*.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 13 ta’ Jannar 2004, a fol. 222, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex tordna mandat ta’ skorta kontra Dr. Mariella Mangion ghas-seduta tas-6 ta’ Frar 2004.

Rat id-digriet datat 14 ta’ Jannar 2004, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-verbal datat 17 ta’ Frar 2004, fejn id-difesnuri qablu li *in vista* tax-xhieda ta’ Mariella Mangion ir-rikors pendenti ma kellux jigix degretat f’ dak l-istadju u kellhom jaghmlu t-talbiet taghhom konsegwenti ghal tali xhieda, li kellha tigi esebita quddiem il-Qorti. L-attur mistoqsi mill-Qorti bil-gurament tieghu ddikjara li ma jahdimx u li kien ilhu sentejn u xahrejn jirregistra, hlief li kultant jaqla’ biss (apparti r-Relief) Lm2 kull hmistax (billi jahsel xi karozza ta’ xi habib tieghu).

Rat il-verbal datat 1 ta’ April 2004, fejn il-Qorti giet infurmata li s-sitwazzjoni kienet ghada l-istess bhalma kienet fis-17 ta’ Frar 2004.

Rat il-verbal datat 10 ta’ Gunju 2004, fejn Dr. Doreen Clarke ghall-attur infurmat lill-Qorti li l-partijiet waslu fi ftehim dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Rat in-nota tas-*social worker* Marylene Savona, datata 22 ta’ Gunju 2004, a fol. 235 u fol. 236 tal-process fejn indikat li mir-rapport tal-laqghat b’supervizzjoni tal-missier mal-minuri l-interazzjoni bejn il-minuri u l-missier hija wahda

tajba u ssugeriet li l-access tal-missier ghandu jkun bla superizzjoni u ghall-hinijiet itwal, u dan skond kif kien rakkomandat ukoll minn rapport tat-12 ta’ Dicembru 2002 mis-social worker Anthony Mifsud.

Rat ir-rikors tal-attur datat 8 ta’ Lulju 2004, a fol. 237, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti sabiex tawtorizza lill-kontendenti konjugi Spiteri jersqu ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att notarili li permezz tieghu kellhom jitterminaw u jillikwidaw il-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom.

Rat id-digriet datat 8 ta’ Lulju 2004, fejn il-Qorti laqghat it-talba u rrikjamat il-kawza ghall-14 ta’ Lulju 2004.

Rat il-verbal datat 14 ta’ Lulju 2004, il-Qorti ordnat li tigi ffissata l-ahhar seduta ghall-provi kollha li fadal u ordnat li lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea jiffissa din is-seduta taht is-sanzjoni ta’ disprezz ta’ din il-Qorti. Il-Qorti awtorizzat il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ghax-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u divizjoni ta’ l-istess u dan wara li spjegat lill-partijiet il-kontenut ta’ l-istess minuta u filwaqt li l-partijiet iddikjaraw li fehmu u qablu ma’ l-istess. Il-Qorti ndikat lill-partijiet li anke abbazi ta’ dak li ndikat is-social worker fin-nota taghha tat-22 ta’ Gunju 2004 kien hemm bazi biex jiftehmu fuq access. L-attur iddikjara li hu lest li jibqa’ jhallas manteniment kif ordnat fid-digriet *pendente lite nonostante* li ma jahdimx.

Rat il-verbal datat 20 ta’ Ottubru 2004, fejn il-kawza giet differita minhabba indispozizzjoni ta’ din il-Qorti.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Frar 2005, fejn il-partijiet dehru li qablu dwar il-manteniment. Id-difensuri attiraw l-attenzjoni tal-Qorti li kien hemm xhieda mhux inserita fil-process, xhieda li kienet instemghet quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea. Il-Qorti ordnat li tali xhieda tigi nserita b’ mod immedjat fil-process.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 25 ta’ Frar 2005, a fol. 250, li permezz taghha prezenta kopja legali tal-kuntratt datat 20 ta’ Lulju 2004 pubblikat minn Nutar Josette Cauchi

Rat il-verbal datat 24 ta' Mejju 2005, fejn xehdu quddiem il-Qorti s-*social workers* Therese Micallef u l-*Psycology Officer* Luisa Eminyan mill-istess Agenzija.  Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea sabiex fi zmien hmistax-il (15) gurnata jirritorna l-inkartament fil-process u dan taht sanzjoni tal-Qorti.  Id-difensuri kellhom jippruvaw jaslu ghall-ftehim bazikament dwar l-access tal-missier, anke fl-isfond li s-sitwazzjoni tibqa' monterjata mill-Agenzija Appogg.

Rat ix-xhieda tas-*Social Worker* Therese Micallef minn fol. 258 sa fol. 267 tal-24 ta' Mejju 2005.

Rat ix-xhieda tas-*Psychology Officer* Luisa Eminyan minn 268 sa fol. 284 tal-24 ta' Mejju 2005.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea (li gew prezentati wara l-verbal tal-24 ta' Mejju 2005) fit-30 ta' April 2003 fejn xehed **Dr. Anthony Gatt**; fit-13 ta' Mejju 2003 fejn ma sar xejn; fid-29 ta' Mejju 2003 fejn xehdu **Dr. Frank Bartolo** u **Dr. Joseph Vella Baldacchino**, fit-30 ta' Settembru 2003 fejn xehed l-attur **A,** fit-13 ta' Ottubru 2003 fejn ma sar xejn, fil-25 ta' Novembru 2003 fejn xehdet is-**Psychology Officer Luisa Eminyan**, fit-3 ta' Novembru 2003 fejn ma sar xejn, fit-8 ta' Jannar 2004 fejn ma sar xejn, fit-13 ta' Frar 2004 fejn xehdet **Dr. Mariella Mangion**, fis-26 ta' April 2004 fejn ma sar xejn, fl-24 ta' Mejju 2004 fejn ma sar xejn, fl-4 ta' Gunju 2004 fejn ma sar xejn, u fid-29 ta' Settembru 2004 fejn xehed **Norman Grima**.

Rat il-verbal datat 16 ta' Gunju 2005, fejn id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li dwar ftehim fuq access ma waslux.  Il-Qorti notat li x-xhieda tal-24 ta' Mejju 2005 kinitx fil-process.  Dr. Doreen Clarke ghall-attur prezentat nota bil-hinijiet minnha suggeriti.  Dr. Ilona Debono kellha tirrispondi fi zmien 40 gurnata.  Id-difensuri kkonfermaw li kien hemm qbil fuq kollox hlief dwar kura u kustodja u access.  Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2005.

Rat in-nota ta' l-attur, datata 16 ta' Gunju 2005, a fol. 457 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 8 ta' Awissu 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha u dan peress li z-zewg partijiet qabblu dwar l-istess u ilhom ilhom *de facto* separati s-snin, fejn l-attur jghix mal-genituri tieghu u l-konvenuta tghix mal-genituri taghha u ma' tlett hutha subien identifikati f'dawn l-atti processwali.

Illi mill-provi prodotti jidher li z-zewg partijiet kienu responsabbli ghal tali firda minhabba eccessi, sevizzi u mohqrija reciproka li rrendiet il-hajja bejn il-kontendenti mpossibbli u ghalhekk iz-zwieg tkisser irremedjabilment; minbarra dan ma hemm l-ebda dubju li kien hemm ukoll inkompatibilita' ta' karattru li rrenda l-istess konvivenza bejn il-partijiet impossibbli u f'dan is-sens l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u l-likwidazzjoni u divizzjoni ta' l-istess din jirrizulta li saret wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti fl-14 ta' Lulju 2004 u fil-fatt l-istess komunjoni giet xolta, likwidata u diviza permezz ta' kuntratt pubbliku datat 20 ta' Lulju 2004 fl-atti tan-Nutar Josette cauchi u esebit a fol. 251 tal-process.

Illi dwar manteniment jirrizulta li l-attur qed ihallas manteniment ta' tnejn u ghoxrin lira Maltija u nofs (Lm22.50) fil-gimgha ghall-konvenuta u bintha (Lm10 ghall-mara u Lm12.50 ghall-minuri) b'effett tad-digriet tas-Sekond'Awla Numru 1103/1999 datat 26 ta' Awissu 1999 (Dok. "B" – fol. 8 sa 10) u fis-seduta ta' l-14 ta' Lulju 2004 l-attur iddikjara li huwa lest li jibqa' jhallas il-manteniment kif ordnat *pendente lite nonostante* li ma jahdimx u din id-

dikjarazzjoni saret fil-presenza wkoll tad-difensur tieghu Dr. Doreen Clarke, kif jidher mill-verbal ta’ l-istess seduta a fol. 242 tal-process. Ghalhekk din il-Qorti tikkonferma l-istess minhabba tali ftehim bejn il-partijiet.

Illi l-ikbar problema f’din il-kawza hija dik konsgewenti ghar-rikors tal-konvenuta datat 25 ta’ Lulju 2002 (fol.52) fejn l-konvenuta kienet allegat li l-attur kien ikkometta abbuz sesswali fuq il-minuri u dan allegatament sar l-Erbgha ta’ qabel cjoe’ f’Lulju stess. Din il-Qorti, anke kif diversament presjeduta, tat l-opportuni direttivi sabiex l-istess allegazzjoni tigi ezaminata, izda fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dan ma sarx bil-mod tempestiv li l-kaz kien jixraqlu u fil-fatt jidher li l-kaz dam sew jigi investigat, kif diversi rapporti u verbali jindikaw fl-atti ta’ din il-kawza.

Illi intant din il-Qorti tinnota li d-data indikata mill-konvenuta fir-rikors taghha msemmi hija ben differenti minn meta saru l-ezamijiet fuq l-istess minuri fuq talba ta’ l-omm u n-nanna materna ta’ l-istess minuri minn Dr. Mariella Mangion. Fil-fatt l-istess *pediatrician* tghid li hija ezaminat l-minuri C fis-27 ta’ Gunju 2002 u 4 ta’ Lulju 2002 u dan kif jirrizulta mix-xhieda taghha tat-13 ta’ Frar 2004 quddiem l-Assistent Gudizzjarju mentri r-rikors tal-25 ta’ Lulju 2002 jsemmi l-access ta’ nhar l-Erbgha ta’ qabel l-istess data kif jirrizulta minn fol. 52 tal-process – fl-istess rikors tissema’ data ohra, dik ta’ l-24 ta’ Lulju 2002. Certament tali dati huma konfliggenti ma’ dak li xehdet dwaru l-istess esperta medika u wkoll din il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex ir-rapport mediku li sar fuq it-tifla kien biss datat 2 ta’ Frar 2004, granet qabel l-istess tabiba xehdet u mhux datat skond il-gurnata meta sar jew saru l-ezamijiet fuq l-istess minuri.

Illi minkejja dan fl-istess xhieda taghha Dr. Mariella Mangion li hija *pediatrician* fid-Dipartiment tal-Pedjatrija u kienet tahdem fic-Child Protection Services sostniet li hija ezaminat lill C fis-27 ta’ Gunju 2002 u 4 ta’ Lulju 2002 u l-istess minuri kienet akkompanjata minn ommha u minn nannitha u dan wara li kienet saret akkuza ta’ abbuz sesswali minn nanna tat-tifla ghalhiex skond hija fil-21 ta’ Gunju 2002 l-minuri kellha demm ma’ l-underpants taghha

u kellha wkoll tbengila; it-tifla kienet qalet li gurnata qabel meta kienet ma' missierha kienet waqghet; minn ezami li ghamlet inghutat li *"just beyond the hymen at an area known as the posterior fourchette there was a 3mm long car with surrounding irregular new vessel formation and adjacnet to it a pae area at 5 o'clock".*

Illi l-istess esperta kkonkludiet fir-rapport imsemmi datat biss 2 ta' Frar 2004 u esebit bhala Dok. "MM" (liema rapport hija kkonfermat fis-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea datata 13 ta' Frar 2004) li:-

*"Although the gynae examination did not show signs of vagial penetration there are signs if trauma of the posterior fourchette area. Also the story given by the child is not consistent with the findings because such a fall would either not have resulted in any injuries or these would have involved external genitalia only. Therefore in this case it is extremely unlikely that the findings were due to accidental injury. On the contrary the possibility of sexual abuse is indeed significant even tghough the child has made no such disclosure".*

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li qalet l-istess esperta a fol. 440 tal-process fejn assimilat l-ferita iktar ma' dak li sejhet bhala *"penile contact"* u skond hija *"din it-tip ta' ferita' hija kompatibbli ma' rubbing of the penis with the upper tighs u mhux ma' penetration. Il-penis ikun qieghed imiss mal-anogenital area. Nixtieq niccara illi hija komuni f'abbuz sesswali, anke jekk ikun hemm penetrazzjoni illi ma' jkun hemm l-ebda sinjal………".*

Illi fl-istess waqt il-Psychology Officer Louisa Eminyan mill- Agenzija Appogg qalet li meta kienet fic-*Child Protection Unit* ta' l-Agenzija Appogg kienet irceviet rapport minn omm l-minuri u omm l-konvenuta li bintha kienet giet abbuzata u dan meta t-tifla kellha xi 4 snin; dan kien fis-sena 2002 u qalet li hija l-ewwel kellmet lill omm u mbaghad lin-nanna u wkoll lill minuri, kollha separatament. Tghid li t-tifla kienet qaltilha f'okkazzjoni wahda biss li ma kinitx tiehu pjacir tmur ghand missierha peress li kien issawatha bil-ponn fuq zaqqha. Din kienet

qalitilha l-ewwel darba li kellmet lill-minuri; qalet li meta kienet tilghab bil-pupi kien hemm certu vjolenza u dan f'kuntest ta' familja ta' omm, missier u bint u t-tifla kienet tispicca toqtol lil kulhadd. Hija rat lit-tifla biss bejn Lulju 2002 u Awissu 2002. Kienet ilha tahdem fuq kazijiet minn Marzu 2002. Hija qalet li kienet kellmet lil psikologista li kienet hadet hsieb il-kaz.

Illi din il-Qorti tinnota wkoll li l-istess xhud fis-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea kienet qalet fil-25 ta' Novembru 2003 li:-

*"Jiena sussegwentement iltqajt mat-tifla wahedha fl-ufficju. It-tifla ma' tantx titkellem u kien difficli hafna li naghmel investigazzjoni pero' semmietli li missierha jsawwatha fuq sidirha, idejha u fuq il-parti privata taghha. It-tifla iddiskriviet lill-attur bhala monstru".*

Illi l-istess xhud in kontro-ezami qalet li:-

*"Waqt it-test li semmejt li sar minn Dr. Mangion gewwa l-Isptar jirrizulta illi l-hyman tat-tifla kienet scared u li hi ma setghetx jigrilha hekk b'waqa".*

Illi minkejja dan kollu jirrizulta mir-rapport tal-perit psikoliga Carmen Sammut datat 25 ta' April 2003 u mahluf fid-29 ta' Ottubru 2003, tali esperta nnominta minn din il-Qorti wara n-nomina ta' l-Agenzija Apogg sabiex tinvestiga l-kaz, jirrizulta li skond l-esperta hekk inkarigata l-istess minuri kienet komda ma' missierha *tant "li l-osservazzjonijiet li saru taghha tirrelata ma' missierha jissugerixxu relazzjoni tajba bejn il-missier u l-bint u fl-ebda hin ma' dehret xi sinjal ta' biza tat-tifla lejn il-missier waqt li kienu fil-klinika. Qiesu din l-osservazzjoni saret ukoll minn omm B, Lucy Casha, meta qalet li taraha tmur tajjeb mieghu u li qatt ma uriet biza' biex tmur mieghu"*

Illi l-istess esperta kkonkudiet li l-minuri thobb lill-genituri t-tnejn u li l-fatt li l-genituri taghha mhux flimkien tista' tkun toholqilha nsikurta u ansjeta' f'hajjitha, ansjeta' li qed igielha tirrigressa lura lejn zmien aktar infantili meta forsi hassitha iktar sikura; hemm il-biza li tigi abbandunata

…..u tidher li l-istess minuri ma tridx taghzel bejn genitur u iehor u kkonkludiet li l-familja tinghata ghajnuna sabiex jaslu ghal stat ta' ghejxien li jissodisfa ahjar il-bzonnijiet tal-partijiet kollha u jitnaqqas kemm jista' jkun il-livell ta' ansjeta' u konfuzzjoni fuqhom.

Illi din il-Qorti tinnota wkoll li permezz ta' nota datata 22 ta' Gunju 2004, tas-*social worker* Marylene Savona, indikat li mir-rapport tal-laqghat b'supervizzjoni tal-missier mal-minuri l-interazzjoni bejn il-minuri u l-missier hija wahda tajba u ssugeriet li l-access tal-missier ghandu jkun bla superizzjoni u ghall-hinijiet itwal, u dan skond kif kien rakkomandat ukoll minn rapport tat-12 ta' Dicembru 2002 mis-*social worker* Anthony Mifsud.

Illi fil-fatt ir-rapport ta' l-istess *social worker* Anthony Mifsud huwa f'dan is-sens. Is-*social worker* Therese Micallef ikkonfermat l-istess fis-seduta quddiem il-Qorti tal-24 ta' Mejju 2004 u wkoll ikkonfermat li l-access ma ghandux jibqa' taht supervizzjoni – u wkoll li problema ta' supervizzjoni f'dan il-kaz ma kienx hemm mill-Agenzija Appogg anzi tghid li dan dejjem sehh regolarment.

Illi din il-Qorti thoss li hemm dubji kbar dwar l-allegazzjonijiet tal-konvenuta fil-konfront ta' l-attur u certament li f'dan il-kuntest u abbazi tar-rapporti fuq indikati jista' jinghad li dak allegat mill-konvenuta ma giex ippruvat u ma hemm l-ebda dubju li l-oneru tal-prova kien kollu kemm huwa fuq l-konvenuta.  Dan il-Qorti qed tghidu minkejja li hija konxja tad-diffikoltajiet li hemm sabiex isiru tali provi – izda fl-istat ta' provi kif inhuma jirrizulta ppruvat li sar abbuz fuq il-minuri u dan bil-mod indikat minn Dr. Mariella Mangion, izda bl-ebda mod dan ma jistax jigi ndizzjat bih l-attur – certament li l-provi dwar dan ma jezistux anzi hemm konflitt anke fid-dati msemmija mill-konvenuta u minn nanna materna u dan gja gew indikati f'din is-sentenza.

Illi abbazi ta' dan u abbazi tar-rapporti kollha li saru mis-*social workers* mill-Agenzija Appogg u wkoll mir-rapport li sar minn Mrs. Carmen Sammut, din il-Qorti thoss li l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri ghandha tkun f'idejn l-omm

u l-missier, b'dan li l-istess minuri ghandha tirrisjedi ma' l-omm, u l-missier ikollu access ghall-istess minuri kull nhar ta' Erbgha mill-5.00.p.m. sas-7.00.p.m. u darba s-Sibt u darba l-Hadd b'mod alternattiv mid-9.00.a.m. sal-1.00.p.m. b'dan li kemm l-istess kura u kustodja u kemm l-access imsemmi ghandu jkun moniterjat b'mod ghall-ewwel iktar spiss mill-Agenzija Appogg ghas-spejjez taz-zewg partijiet, u dan billi l-istess Agenzija tkompli ssegwi l-kaz u l-izvilupp tal-minuri b'mod li l-istess Agenzija permezz ta' l-istess *social worker* izzomm kuntatt dirett mal-minuri u tara li kemm jista' jkun l-istess minuri ma' tkun fl-ebda perikolu ta' xi forma ta' abbuz; tordna wkoll lill-partijiet sabiex isegwu l-korsijiet necessarji indikati lilhom mill-istess Agenzija Appogg abbazi tar-rapport ta' l-esperta Carmen Sammut, u tordna lill-partijiet sabiex jikkomunikaw kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom, ghar-ragunijiet attribwibbli liz-zewg partijiet u dan ghaliex iz-zewg partijiet kienu responsabbli ghal tali firda minhabba eccessi, sevizzi u mohqrija reciproka li rrendiet il-hajja bejn il-kontendenti mpossibbli u ghalhekk iz-zwieg tkisser irremedjabilment; minbarra dan ma' hemm l-ebda dubju li kien hemm ukoll inkompatibilita' ta' karattru li rrenda l-istess konvivenza bejn il-partijiet impossibbli;

(2) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mill-20 ta' Lulju 2004 u ghal-likwidazzjoni u divizzjoni ta' l-istess din il-Qorti tirreferi ghall-kuntratt pubbliku datat 20 ta' Lulju 2004 fl-atti tan-Nutar Josette Cauchi li gie ffirmat mill-partijiet wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti fl-14 ta' Lulju 2004;

(3) Tilqa’ din it-talba biss fis-sens thoss li l-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri ghandha tkun konguntivament f’idejn l-omm u l-missier, b’dan li l-istess minuri ghandha tirrisjedi ma’ l-omm, u l-missier ikollu access ghall-istess minuri kull nhar ta’ Erbgha mill-5.00.p.m. sas-7.00.p.m. u darba s-Sibt u darba l-Hadd, b’mod alternattiv, mid-9.00.a.m. sal-1.00.p.m. b’dan li kemm l-istess kura u kustodja u kemm l-access imsemmi ghandu jkun moniterjat u sorveljat b’mod ghall-ewwel iktar spiss mill-Agenzija Appogg ghas-spejjez taz-zewg partijiet, u dan billi l-istess Agenzija tkompli ssegwi l-kaz u l-izvilupp tal-minuri b’mod li l-istess Agenzija permezz ta’ l-istess *social worker* izzomm kuntatt dirett mal-minuri u tara li kemm jista’ jkun l-istess minuri ma’ tkun fl-ebda perikolu ta’ xi forma ta’ abbuz; tordna wkoll lill-partijiet sabiex isegwu l-korsijiet necessarji indikati lilhom mill-istess Agenzija Appogg abbazi tar-rapport ta’ l-esperta Carmen Sammut, u tordna lill-partijiet sabiex jikkomunikaw kopja legali ta’ din is-sentenza lill-Agenzija Appogg;

5. Tordna li l-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha, jigifieri Casha, ghall-finijiet ta’ l-**artikolu 62 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet u din il-Qorti tordna id-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ l-ismijiet kollha f’din il-kawza u dan fl-interess ta’ l-istess minuri, b’dan pero’ li kopja ta’ din is-sentenza ghandha tigi notifikata a spejjez tal-partijiet lill-Agenzija Appogg u lill-Kummissarju tal-Pulizija, sabiex jekk ikun il-kaz jsiru investigazzjonijiet opportuni skond il-ligi.

Illi fir-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenuta**, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-attur in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma’ dak hawn premess, **tichad is-seba’ talba attrici u tilqa’ talbiet l-ohra fl-istess kontro-talba** biss fis-sens hawn deciz u kif inghad fic-citazzjoni attrici b’dan illi:-

(1) Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli liz-zewg partijiet u dan ghaliex z-zewg partijiet kienu responsabbli ghal tali firda minhabba eccessi, sevizzi u mohqrija reciproka li rrendiet il-hajja bejn il-kontendenti mpossibbli u ghalhekk iz-zwieg tkisser irremedjabilment; minbarra dan ma’ hemm l-ebda dubju li kien hemm ukoll inkompatibilita’ ta’ karattru li rrenda l-istess konvivenza bejn il-partijiet impossibbli;

(2) Tilqa’ din it-talba biss fis-sens li l-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri C ghandha tkun konguntivament f’idejn l-omm u l-missier, b’dan li l-istess minuri ghandha tirrisjedi ma’ l-omm, u l-missier ikollu access ghall-istess minuri kull nhar ta’ Erbgha mill-5.00.p.m. sas-7.00.p.m. u darba s-Sibt u darba l-Hadd, b’mod alternattiv, mid-9.00.a.m. sal-1.00.p.m. b’dan li kemm l-istess kura u kustodja u kemm l-access imsemmi ghandu jkun moniterjat u sorveljat b’ mod ghall-ewwel iktar spiss mill-Agenzija Appogg ghas-spejjez taz-zewg partijiet, u dan billi l-istess Agenzija tkompli ssegwi l-kaz u l-izvilupp tal-minuri b’mod li l-istess Agenzija permezz ta’ l-istess *social worker* izzomm kuntatt dirett mal-minuri u tara li kemm jista’ jkun l-istess minuri ma’ tkun fl-ebda perikolu ta’ xi forma ta’ abbuz; tordna wkoll lill-partijiet sabiex isegwu l-korsijiet necessarji indikati lilhom mill-istess Agenzija Appogg abbazi tar-rapport ta’ l-esperta Carmen Sammut, u tordna lill-partijiet sabiex jikkomunikaw kopja legali ta’ din is-sentenza lill-Agenzija Appogg;

(3) Tilqa’ din it-talba biss fis-sens li mill-provi prodotti jidher li hemm ftehim bejn il-partijiet u l-attur accetta fis-seduta ta’ l-14 ta’ Lulju 2004 li huwa lest li jibqa’ jhallas il-manteniment kif ordnat *pendente lite nonostante* li ma jahdimx u ghalhekk abbazi tal-premess l-attur jirrizulta li obbliga ruhu li jhallas l-ammont ta’ tnejn u ghoxrin lira u hamsin centezmu (Lm22.50) fil-gimgha ghall-konvenuta u bintha (kwantu ghall-Lm10 ghall-mara u Lm12.50 ghall-minuri) u dan kif stabilit bid-digriet tas-Sekond’Awla Numru 1103/1999 datat 26 ta’ Awissu 1999 (Dok. “B” – fol. 8 sa 10);

(4) (5) u (6) Tilqa' dawn it-tlett talbiet fis-sens li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mill-20 ta' Lulju 2004 u ghal-likwidazzjoni u divizzjoni ta' l-istess din il-Qorti tirreferi ghall-kuntratt pubbliku datat 20 ta' Lulju 2004 fl-atti tan-Nutar Josette Cauchi li gie ffirmat mill-partijiet wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti fl-14 ta' Lulju 2004;

(7) Tichad is-seba' talba tal-konvenuta *stante* nuqqas ta' provi;

(8) Tilqa' din it-talba fis-sens li qed tapplika kontra z-zewg partijiet id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (a) u (b) tal-Kap 16** in kwantu konsistenti u kompatibbli ma' dak hawn deciz;

Bl-ispejjez tal-kontro-talba inkluzi dawk tal-proceduri tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet u din il-Qorti tordna id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet kollha f'din il-kontro-talba u dan fl-interess ta' l-istess minuri, b' dan pero' li kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata a spejjez tal-partijiet lill-Agenzija Appogg u lill-Kummissarju tal-Pulizija, sabiex jekk ikun il-kaz jsiru investigazzjonijiet opportuni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------